Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 13,908, 6 ta' Novembru, 1981
Taqsima A

MALTA

ATT Nru. LII ta' l-1981

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

ATT biex ikompli jemenda l-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, Kap. 15.

ACT No. LII of 1981

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

AN ACT further to amend the Code of Organization and Civil Procedure, Cap. 15.

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.)

ANTON BUTTIGIEG
President

6 ta' Novembru, 1981

ATT Nru. LII ta' l-1981

ATT biex ikompli jemenda l-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, Kap. 15.

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqga f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:—

Titolu fil-qosor u bidu fis-seħħ.

1. (1) Dan l-Att jista' jissejjaħ l-Att ta' l-1981 li jemenda l-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Emenda Nru. 2), u għandu jinqara u jiftiehem ħaġa waħda mal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "il-liġi prinċipali".

(2) Dan l-Att għandu jibda jseħħ f'dik id-data li l-Ministru responsabbli għall-Ġustizzja jista' jistabbilixxi b'avviż fil-Gazzetta.

Emenda ta' l-artikolu 30 tal-liġi prinċipali.

2. L-artikolu 30 tal-liġi prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu minflok il-kliem "Il-President ta' Malta għandu jaħtar il-Prim Imħallef u żewġ Imħallfin oħra u avukat mill-Kàmra ta' l-Avukati biex jikkostitwixxu Bord" għandhom jidħlu l-kliem "Għandu jkun hemm Bord li jkun magħmul mill-Prim Imħallef, minn żewġ Imħallfin maħtura mill-President ta' Malta u mill-membri tal-Kummissjoni Ħidma fil-Qrati"; u

(b) minnufih wara s-subartikolu (1) tiegħu għandu jiżdied is-subartikolu ġdid li ġej:

"(1A) Il-Bord jista' jaġixxi minkejja kull vakanza fost l-għadd tal-membri tiegħu iżda m'għandux jaġixxi jekk għall-anqas il-Prim Imħallef u żewġ membri oħra ma jkunux preżenti.".

3. Minflok l-artikolu 963 tal-liġi prinċipali għandu jidħol dan li ġej: Sostituzzjoni ta' l-artikolu 963 tal-liġi prinċipali.

"963. (1) Jekk f'Qorti ta' ġurisdizzjoni ċivili jkunu jinsabu kawżi ġa' mressqa għas-smigħ, u, wara, b'ordni tal-Qorti, differiti *sine die* jew xort'oħra sospiżi, u jdumu hekk differiti jew sospiżi għal iżjed minn tliet xhur, ir-Reġistratur għandu fl-aħħar tax-xahar li matulu jkun għadda ż-żmien hawn fuq imsemmi, jagħmel lista tagħhom, imsejħa "Lista tal-kawżi sospiżi fil-Qorti ...." (u jdaħħal hawn l-isem tal-Qorti) u għandu jsemmi fiha d-data ta' l-aħħar digriet jew ordni li bihom kull waħda mill-kawżi tkun ġiet differita, u r-Reġistratur għandu jippubblika din il-lista billi jieħu ħsieb li tiġi mwaħħla fid-daħla ta' l-edifizzju fejn il-Qorti toqgħod.

(2) Ir-Reġistratur tal-Qrati Superjuri għandu jagħmel u jippubblika listi separati tal-kawżi hekk sospiżi f'kull waħda minn dawk il-Qrati, jiġifieri, fl-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fil-Qorti tal-Kummerċ, fil-Qorti ta' l-Appell u fil-Qorti Kostituzzjonali. Listi bħal dawn għandhom ukoll isiru u jiġu ippubblikati mir-Reġistratur tal-Qorti tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja għall-Gżejjer ta' Għawdex u Kemmuna fil-kompetenza tagħha superjuri fil-każ ta' kawżi pendenti quddiem dik il-Qorti.

(3) Kull lista għandha ġġib id-data tal-pubblikazzjoni tagħha, u għandha tibqa' mwaħħla fil-lok hawn fuq imsemmi għal mill-inqas xahar minn dik id-data.".

4. Minflok l-artikolu 964 tal-liġi prinċipali għandu jidħol dan li ġej: Sostituzzjoni ta' l-artikolu 964 tal-liġi prinċipali.

"964. Kull kawża mdaħħla fil-lista bħalma jingħad fl-artikolu ta' qabel dan, titqies deżerta kemm-il darba, fi żmien xahar li jibda jgħodd mill-aħħar ġurnata taż-żmien ta' xahar hawn fuq imsemmi, ma jiġux imħarsa, skond ma jkun il-każ, id-disposizzjonijiet li ġejjin, jiġifieri —

(a) jekk, meta l-kawża tkun ġiet sospiża minħabba l-mewt, l-inkapaċità, jew l-assenza ta' waħda mill-partijiet, jew minħabba xi difett fil-proċedura, ebda waħda mill-partijiet ma tagħmel dak li hu meħtieġ biex tqiegħed il-kawża hekk sospiża fi stat li jista' jinbeda jew jissokta s-smigħ tagħha; jew

(b) jekk, meta l-kawża tkun ġiet sospiża sakemm tiġi deċiża kawża oħra, u din il-kawża l-oħra tiġi wara deċiża b'sentenza li tgħaddi f'ġudikat qabel il-pubblikazzjoni tal-lista fuq imsemmija, ebda waħda mill-partijiet ma tagħmel rikors sabiex il-kawża hekk sospiża tiġi mill-ġdid miġjuba 'l quddiem sabiex jinbeda jew jissokta s-smigħ tagħha; jew

(ċ) jekk, meta l-kawża tkun ġiet sospiża sakemm xi waħda mill-partijiet tagħmel kawża oħra, jew tesegwixxi obbligu mpost mill-Qorti jew li jkun ġej minn kuntratt jew mil-liġi, din il-kawża l-oħra ma tiġix magħmula, jew dan l-obbligu ma jiġix eżegwit, u l-ebda waħda mill-partijiet ma tagħmel rikors sabiex tinbeda jew tissokta l-kawża hekk sospiża; jew

(d) jekk, f'xi kawża oħra, li ma tkunx waħda msemmija fil-paragrafu (a) jew (b) jew (ċ) ta' hawn fuq, jew li ma tkunx kawża għal firda personali jew għal manteniment, id-drittijiet li għandhom jitħallsu lir-Reġistratur skond it-Tariffa A ta' l-Iskeda A li tinsab ma' dan il-Kodiċi, dwar dawk il-kawżi, ma jitħallsux lir-Reġistratur flimkien mat-talba biex il-kawża terġa' titqiegħed għas-smigħ.".

Emenda ta' l-artikolu 965 tal-liġi prinċipali.

5. Minflok is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 965 tal-liġi prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(1) Il-Qorti tista', għal raġuni tajba, iġġedded, għal darba waħda biss, iż-żmien stabbilit fl-artikolu ta' qabel dan, għal mhux iktar minn xahrejn, fuq talba ta' kull min ikollu interess, bil-mezz ta' rikors, basta li dan ir-rikors jiġi ppreżentat qabel ma jagħlaq l-ewwel żmien.".

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 549 ta' l-4 ta' Novembru, 1981.

CALCIDON AGIUS
Speaker

C. MIFSUD
Skrivan tal-Kamra tad-Deputati